**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 38 - IT-TLIETA, 6 TA' DIĊEMBRU 2011**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:35.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* BIĊ |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata (ma tiflaħx) | Pauline Miceli | Kunsillier |

Pubbliku: Ma kienx hemm pubbliku preżenti għal-laqgħa

Eżatt wara li ntqalet it-talba s-Segretarju Eżekuttiv (SE) fakkar li kull meta xi ħadd ma jkunx jista' jattendi għandu jinforma lis-SE bil-miktub u jagħti r-raġunijiet għal dan.

**1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Il-minuti ġew meqjusa moqrija.

1.2. Il-Kunsillier Bonello ressaq emenda biex jinqata' para. 13.3 u biex in-numru 13.4 jinbidel għal 13.3. Il-Kunsill approva.

1.3. Il-Kunsillier Brincat ressaq emenda biex wara para. 9.3 jiddaħħal para. ġdid li jkun innumerat 9.4 b'dan il-kliem: '*Il-Kunsillier Brincat talab li kull korrispondenza relatata għandha titressaq quddiem il-Kunsill.*' Il-Kunsill qabel u għalhekk in-numru ta' para. 9.4 inbidel għal 9.5.

1.4. Il-minuti imbagħad kienu approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

**2. KOMMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

2.1. Is-SE fakkar li, minħabba impenji bl-aħħar attivitajiet, kien prattikament impossibli li jlaħħaq jiġbor informazzjoni dwar żviluppi li seħħew mill-aħħar laqgħa.

2.2. Il-Kunsillier Sammut ippreżenta poster/avviż li kien impoġġi fuq il-paġna tal-*Facebook* xi jiem qabel fejn kien fih informazzjoni skorretta. Is-SE informa li huwa kien neħħa dan l-

avviż immedjatament li nnutah filwaqt li kien bagħat jinforma lil min poġġieh li kellu jitneħħa minħabba li kien qed jirreferi għal attività bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill li ma kinitx teżisti.

2.3. Il-Kunsillier Muscat Fenech Adami infurmat li hija kienet organizzat laqgħa bejn is-sottokumitat ta' Birguma flimkien mal-Ispettur tal-Pulizija Bernard Spiteri. Din il-laqgħa kienet l-aktar iffukata fuq il-problemi minn storbju frekwenti mill-funzjonijiet li jkun hemm f'Villa Arrigo. L-ispettur wiegħed li se jagħmel minn kollox biex jiżgura li r-residenti ma jkollhomx dan l-inkonvenjent.

### 3. ĦLAS TA' KONTIJIET U RENDIKONTI TA' DĦUL U ORDNIJIET

3.1. Is-SE ippreżenta l-lista ta' kontijiet pendenti. Is-SE informa li l-ewwel parti tal-lista kien hemm numru ta' pagamenti diġà maħruġa u li ma kinux koperti mill-ebda lista iżda li jew kienu jinkludu rifużjoni ta' ħlas ta' garanziji jew inkella kienu msemmija fil-minuti iżda mhux fuq il-listi. Il-lista kienet approvata (annessa f'A).

3.2. Is-SE ippreżenta wkoll ir-rendikonti tad-dħul u tal-ordnijiet għal Novembru. Dawn kienu approvati (annessi f'B u f'Ċ rispettivament).

### 4. ĦATRIET ĠODDA FL-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL

4.1. Is-SE informa li l-ETC kienu bagħtu lista ta' 153 persuni eliġibbli u li jirreġistraw fuq l-ewwel parti tar-reġistru tal-ETC. Sa dak il-ħin kienu applikaw madwar erbgħin persuna.

### 5. EVALWAZZJONI TAL-ATTIVITÀ TAL-MILIED

5.1. Il-Kunsillier Brincat staqsa kemm swew biex inġiebu l-*Big Friends Guggen Musik* u biex ġew imqassma l-*flyers*. Is-SE informa li *Big Friends Guggen Musik* swiet €1,000, eżatt bħas-sena ta' qabel, filwaqt li l-*flyers* swew €613 biex ġew stampati 55,000 *flyer* u €1099 għat-tqassim. Huwa spjega li tqassmu viċin il-50,000 *flyer* bieb bieb fil-lokalitajiet tan-Naxxar, Mosta, Mġarr, Mdina, Rabat, Mtarfa, San Pawl il-Baħar, Mellieħa, Għargħur, Iklin, B'Kara, Balzan, H'Attard u Ħal Lija.

5.2. Il-Kunsillier Brincat iddikjara ruħu kontra li saru dawn it-tali spejjeż mingħajr ma kienu mressqa minn qabel quddiem il-Kunsill. Huwa kompla li kien jistenna mqar notifika bl-*email* kif ġieli sar. Huwa sostna li dan ma kienx il-mod kif kien sar f'każ simili sena ilu. Dakinhar, kompla l-Kunsillier Brincat, is-Sindku sejħet laqgħa b'urġenza għaliex il-Kunsillier Bonello kien ordna reklam għall-attività tal-Milied tas-sena l-oħra u li, skont hu, f'dik il-laqgħa l-Kunsill kien iddeċieda li m'għandux ikun hemm infiq jekk mhux bl-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa aċċenna wkoll għal inċident ieħor tas-sena l-oħra li kienet tikkonċerna l-*Big Friends Guggen Musik* u li l-Kunsillier Galea kien imwiddeb għaliex ta struzzjonijiet kontra r-rieda tas-Sindku minkejja li hu kien responsabbli mill-Kultura. Sostna li qed jintuża kejl differenti skont kif ikun jaqbel.

5.3. Is-SE informa li tant kien issikat biż-żmien li ma kienx possibli li jibgħat l-*emails* lill-Kunsillieri. Barra minn hekk ħass li ma kien sar xejn straordinarju għall-fatt li, la darba l-Kunsill kien approva li ssir l-attività allura bilfors kellhom isiru ċertu spejjeż, inkluż il-promozzjoni. Huwa kompla li l-Kunsill kien iddeċieda biss li jkun hemm inqas infiq għall-attività mingħajr ma speċifika l-ammont u infatti kien sodisfatt li l-ispejjeż kienu madwar €4,000 inqas mis-sena l-oħra. Barra minn hekk huwa saħaq li għamel minn kollox biex ikun hemm aktar valur fi flus u konvint li hekk ġara. Dan kien jinkludi l-promozzjoni li ħareġ ċar l-effettività tagħha bl-ammont ta' nies li kien hemm. Huwa kompla wkoll li f'attivitajiet passati kien aċċettat ukoll li, minħabba l-limitazzjoni ta' żmien, ikunu ordnati servizzi qabel ma jkunu mressqa fil-Kunsill.

5.4. Is-Sindku saħqet li la darba l-Kunsill kien se jiltaqa' wara li tgħaddi l-attività, ma kienx possibli li wieħed jistenna laqgħa tal-Kunsill u għalhekk dak li ġie deċiż sar b'responsabbiltà u bbażat fuq dak li sar fil-passat. Hija sostniet li l-każ tal-Kunsillier Bonello kien differenti għal kollox milli qed jisħaq dwaru l-Kunsillier Brincat għaliex dak kien jitratta dwar il-metodu tar-reklamar u mhux dwar il-flus. Saħqet ukoll li anki dwar il-każ ta' *Big Friends Guggen Musik* tas-sena l-oħra kien differenti għaliex dawn segwew ordni kontra ta' ftehim li kien sar u li kienu spiċċaw daqqew inqas milli miftiehem minkejja li dan seta' ġie evitat kieku l-Kunsillier Galea kkomunika magħha bit-telefon qabel ta l-ordni. Hija kompliet saħqet li, għall-kuntrarju, din is-sena, bl-istess flus tas-sena l-oħra, taw siegħa aktar servizz milli taw is-sena l-oħra.

5.5. Il-Kunsillier Bonello esprima li jaqbel li dan il-każ kien simili għal tiegħu u li, filwaqt li ma kienx kontra li sar dak li sar f'din id-darba, iżda saħaq li l-istess ħaġa kellha ssir sena ilu meta kien qiegħed jieħu ħsieb il-promozzjoni tal-attività hu. Fl-istess waqt wera nuqqas ta' qbil mal-Kunsillier Brincat fir-rigward tal-*Big Friends Guggen Musik* minħabba li s-SE kien bagħat abbozz ta' programm jiem qabel li kien jinkludi kollox u għalhekk ħass li, jekk kien hemm xi ħadd li ma kienx jaqbel kellu joġġezzjona qabel u mhux wara.

5.6. Wara li baqa' għaddej id-dibattitu dwar l-interpretazzjoni ta' x'kien ġara fil-laqgħa li kienet saret b'urġenza dwar il-każ tal-Kunsillier Bonello (laqgħa numru 25 tas-16 ta' Novembru 2011) is-SE intalab jesebixxi l-minuti. Minkejja li kienu esebiti, baqa' ma kienx hemm qbil dwar l-interpretazzjoni tagħhom. Is-SE saħaq li l-minuti ma kienu jindikaw bl-ebda mod li l-problema dakinhar kienet dwar infiq ta' flus iżda dwar nuqqas ta' qbil dwar kif kellu jsir ir-reklamar biex ikunu l-aktar effettivi.

5.7. Waqt dan id-dibattitu ħadu parti l-Kunsillieri kollha b'reazzjonijiet u ħsibijiet differenti dwar l-istqarrija tal-Kunsillier Brincat.

5.8. Is-SE appella biex issa li d-diskussjoni ġiet eżawrita u min kellu jagħmel il-punt jagħmlu, kien ikun aktar għaqli li l-Kunsill jagħmel evalwazzjoni ta' x'kien hemm tajjeb, x'kien hemm ħażin u fejn seta' jkun hemm titjib. Huwa kompla appella li ma jistax ikun li l-Kunsill, kull darba li jkun hemm attività, qed jerġgħu jinqalgħu kwistjonijiet dwar sentejn ilu għaliex dan spiċċa wassal biex anki l-pubbliku jassoċja attività ma' jew kontra l-Kunsill u/jew Kunsillieri. Dan żgur li ma jservix ta' ġid meta l-Kunsill kellu potenzjal hekk kbir.

5.9. Meta l-Kunsill imbagħad għadda biex jagħmel l-evalwazzjoni, il-Kunsillier Sammut u l-Viċi Sindku saħqu li jkun xieraq jekk darba oħra jsir il-Presepju Ħaj għax kien hemm domanda għalih. Is-SE appella biex dwar dan il-Kunsill jara kif jagħmel ħalli jinvolvi nies min-Naxxar għaliex il-Presepju Ħaj kien qiegħed jiswa wisq flus u kien ċert li kien hemm nies min-Naxxar li kapaċi jagħmlu dan ix-xogħol.

5.10. Il-Kunsillier Sammut xtaq li jirringrazzja lill-Kunsill Lokali Żgħażagħ għall-impenn tagħhom biex ferrħu lit-tfal bil-kostumi tal-karattri ta' *Disney*. Huwa semma wkoll li dawn irnexxielhom jagħmlu riċerka minn madwar 120 persuna kollha min-Naxxar biex jibbażaw il-ħidma tagħhom fuq din ir-riċerka.

5.11. Il-Kunsillier Gatt semma' li tajjeb jekk dwar id-dawl tal-Milied il-Kunsill jaħseb aktar qabel. Is-SE informa li l-istess ħaġa tisħaq dwarha s-Sindku ta' kull sena iżda fir-realtà, sakemm ikun deċiż xi jrid isir u kif u anki biex wieħed jasal biex jiftiehem mal-barranin ma jkunx faċli. Huwa wera x-xewqa wkoll li jkun hemm aktar involviment mill-Kunsillieri u ta eżempju tal-bżonn li jiżdied id-dawl fin-naħa ta' fuq ta' Triq tal-Labour. Huwa saħaq li mhux faċli li tasal biex tfassal il-bżonn tad-dawl u li jkun ukoll prattiku biex jinħadem, jintrama, jiżżarma u eventwalment jintrefa.

5.12. Dwar il-promozzjoni kien hemm qbil li kif saret kienet effettiva ħafna.

5.13. Kien hemm suġġeriment li l-palk possibilment għandu jitpoġġa lejn in-naħa t'isfel ħalli ma jkunx hemm interruzzjonijiet minħabba l-quddiesa.

5.14. Il-Kunsillier Brincat saħaq li għandna naċċertaw mill-kwalità tal-kantanti għaliex xi wħud ma kinux tal-livell mixtieq.

### 6. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

6.1. Qabel ma l-laqgħa ġiet fi tmiemha l-Kunsilliera Muscat Fenech Adami infurmat li kellha x-xewqa li tifforma grupp ta' protezzjoni ċivili tan-Naxxar kif għandhom Mornago. Hija infatti semmiet li diġà ltaqet mad-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili li wera dispożizzjoni tad-Dipartiment li jikkollabora biex din l-inizjattiva tirnexxi.

6.2. Il-Kunsill qabel ukoll li jorganizza ikla tal-Milied għall-Kunsillieri u l-istaff fid-29 ta' Diċembru. Is-Sindku u s-SE infurmaw li l-Kunsill ma setax ikopri l-*partners* u għalhekk dawn kellhom iħallsu separatament.

6.3. Is-SE informa li bejn it-28 ta' Diċembru u l-4 ta' Jannar għandhom jiġu Malta s-Sindku u s-Segretarju tal-Kunsill ta' Mornago.

6.4. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 10 ta' Jannar 2011 fis-7:30pm.

6.5. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fl-21:50pm.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

A

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mis-17 ta' Novembru 2011 sal-1 ta' Diċembru 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | CSD Office Trade | €358.01 | €195.17 | D | PF | Stationary (less credit note for office chairs) | 28/04/2011 | 34537 | 3572 | 3572 | 7310 | 14484 |
| 2 | Enemalta | €40.00 | €40.00 | D | PF | Shifting of pole | 25/05/2011 | 90078551 | n/a | n/a | 2130 | 14485 |
| 3 | Melita plc. | €26.59 | €26.59 | D | PF | Telephony service July 2010 (Inv. 28913674-A) | 31/07/2010 | 28913674-A | n/a | n/a | 2160 | 14486 |
| 4 | Mifsud & Mifsud Advocates | €472.00 | €472.00 | T | PF | Drafting of "Nota ta' sottomissjonijiet NLC vs Karkanja" | 08/04/2011 | 144/11 | n/a | n/a | 3140 | 14487 |
| 5 | Print It | €153.30 | €153.30 | D | PF | Zumba flyers | 25/03/2011 | 5660 | 3768 | 3768 | 2960 | 14488 |
| 6 | The Lighthouse Keepers | €6.62 | €6.62 | T | PF | repairs on lamp no. W191 | 08/04/2011 | KLNX937 | n/a | n/a | 3065 | 14489 |
| 7 | Melita plc. | €17.92 | €17.92 | D | PF | TV services April 2011 | 01/04/2011 | 30282348 | n/a | n/a | 2165 | 14490 |
| 8 | Enemalta | €40.00 | €40.00 | D | PF | Shifting of pole in Triq l-Isbark tal-Francizi | 02/06/2011 | 90079241 | n/a | n/a | 2130 | 14491 |
| 9 | Cash | €199.24 | €199.24 | D | PF | Petty cash - June 2011 | 15/06/2011 | n/a | n/a | n/a | 3690 | 14504 |
| 10 | Maltapost plc. | €232.94 | €232.94 | D | PF | Order of stamps | n/a | n/a | n/a | n/a | 2650 | 14506 |
| 11 | Transport Malta | €74.00 | €74.00 | D | PF | Parking Dials | 40715 | n/a | 3619 | 3619 | 2950 | 14508 |
| 12 | Lynn Magro | €40.00 | €40.00 | D | PF | refund for zumba sessions | n/a | n/a | n/a | n/a | 3381 | 14509 |
| 13 | Louise Cucciardi | €40.00 | €40.00 | D | PF | Refund for zumba sessions against receipt 3181 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3381 | 14511 |
| 14 | Simon Colombo | €120.00 | €120.00 | D | PF | refund for deposit of machinery at Triq il-Markiz Scicluna | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14569 |
| 15 | Simon Degabriele | €233.00 | €233.00 | D | PF | refund for deposit of machinery at alley 15 in | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14570 |
| 16 | Ingrid Psaila | €233.00 | €233.00 | D | PF | refund for deposit of machinery at Triq il- | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14571 |
| 17 | Alfred Briffa | €116.50 | €116.50 | D | PF | refund for deposit of machinery at Triq | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14572 |
| 18 | Northern Cleaning Co. Op. | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | Sept09 against invoice number 108 dated | 30/09/2009 | NXR 9/09 | n/a | n/a | 3041 | 14573 |
| 19 | VJM properties | €233.00 | €233.00 | D | PF | refund for deposit of machinery at Triq San Publiju | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14575 |
| 20 | Rose Aquilina | €116.50 | €116.50 | D | PF | refund for deposit of machinery at Triq il-Markiz Scicluna (V. Aquilina) | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14576 |

A

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Edward Fenech | €233.00 | €233.00 | D | PF | refund for deposit of machinery at alley 1 in Triq l-Imdina | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14586 |
| 22 | Carmelo Tanti | €120.00 | €120.00 | D | PF | refund for deposit of machinery at Triq Santa Lucija | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14587 |
| 23 | Charlie Sammut | €233.00 | €233.00 | D | PF | refund for deposit of machinery at Triq il-Buzjett | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14588 |
| 24 | Victor Mula | €921.20 | €921.20 | T | PF | May- monthly wage | 40694 | n/a | n/a | n/a | 3125 | 14590 |
| 25 | Jurgen Attard | €1,293.60 | €1,293.60 | T | PF | May- monthly wage | 31/05/2011 | n/a | n/a | n/a | 3125 | 14591 |
| 26 | Media Link | €100.00 | €100.00 | D | PF | Kotba Kullana Kulturali | n/a | n/a | n/a | n/a | 2995 | 14592 |
| 27 | Jurgen Attard | €1,293.60 | €1,293.60 | T | PF | June- monthly wage | 30/06/2011 | n/a | n/a | n/a | 3125 | 14593 |
| 28 | Victor Mula | €1,293.60 | €1,293.60 | T | PF | June- monthly wage | 40724 | n/a | n/a | n/a | 3125 | 14594 |
| 29 | Dr Louis Deguara | €127.00 | €127.00 | D | PF | refund for Mornago ticket | n/a | n/a | n/a | n/a | 3330 | 14599 |
| 30 | MTA | €250.00 | €250.00 | D | PF | 50 Books: "Inside Malta & Gozo" | n/a | n/a | n/a | n/a | 2995 | 14689 |
| 31 | Amanda Grima | €750.00 | €750.00 | T | PF | Accountancy Services offered for updating backlog of a/cs, July till Nov 2010 | 16/05/2011 | NLC_Acc_20 1001 | n/a | n/a | 3160 | 14792 |
| 32 | Amanda Grima | €498.96 | €498.96 | T | PF | postings of income receipts into Sage etc | 16/05/2011 | NLC_Acc_20 1002 | n/a | n/a | 3160 | 14793 |
| 33 | Permanent Secretary at OPM | €37.50 | €37.50 | D | PF | Advert made on the 28.09.2011 re: Tender T04/11 (LED christmas lights) | n/a | n/a | 3686 | 3686 | 2940 | 14795 |
| 34 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert on the 04/10/2011 re: Tender of | n/a | n/a | 3764 | 3764 | 2940 | 14847 |
| 35 | Jurgen Attard | €1,293.60 | €1,293.60 | T | PF | service of handyman - Sept. 2011 | 30/09/2011 | n/a | n/a | n/a | 3125 | 14848 |
| 36 | Victor Mula | €1,146.60 | €1,146.60 | T | PF | service of handyman - Sept. 2011 | 40816 | n/a | n/a | n/a | 3125 | 14849 |
| 37 | Permanent Secretary at OPM | €62.50 | €62.50 | D | PF | advert on the 05/10/2011 re: Tender | n/a | n/a | 3767 | 3767 | 2940 | 14850 |
| 38 | Reuben Seychell | €188.00 | €188.00 | D | PF | photography services - AHC Exhibition 2010 & Xmas Village 2010 | 30/12/2010 | NLC/055 & NLC/056 | 3769 | 3769 | 2925 | 14852 |
| 39 | Commissioner of Inland Revenue Dept. | €2,236.54 | €2,236.54 | D | PF | FSS for the month of April 2011 | 30/04/2011 | n/a | n/a | n/a | 1500 | 14857 |
| 40 | Commissioner of Inland Revenue Dept. | €2,180.26 | €2,180.26 | D | PF | FSS for the month of March 2011 | 31/03/2011 | n/a | n/a | n/a | 1500 | 14858 |
| 41 | Commissioner of Inland Revenue Dept. | €1,787.24 | €1,787.24 | D | PF | FSS for the month of February 2011 | 28/02/2011 | n/a | n/a | n/a | 1500 | 14859 |
| 42 | Commissioner of Inland Revenue Dept. | €3,623.78 | €3,623.78 | D | PF | FSS for the month of January 2011 | 31/01/2011 | n/a | n/a | n/a | 1500 | 14860 |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 43 | The Lighthouse Keepers | €2,011.04 | €2,011.04 | T | PF | invoices: 955/ 1001/ 1019/ 1020/ 1021/ 924/ 928 & 976 | 09/09/2011 & | KLNX955; KLNX928; KLNX 1020; KLNX1019; KLNX1021; KLNX924; KLNX976; KLNX1001 | n/a | n/a | 3065 | 14903 |
| 44 | Commissioner of Inland Revenue Dept. | €2,452.10 | €2,452.10 | D | PF | FSS for the month of October 2011 | 28/10/2011 | n/a | n/a | n/a | 1500 | 14916 |
| 45 | Agricultural Co-operative Ltd. | €3,481.00 | €3,481.00 | T | PF | Garden Maintenance Fee - August 2011 | 31/08/2011 | 12210 | n/a | n/a | 3061 | 14918 |
| 46 | Local Council's Association | €240.00 | €240.00 | D | PF | Registration fee for the meeting on the 3rd December 2011 | 17/11/2011 | n/a | n/a | n/a | 2541 | 14930 |
| 47 | Joe Bartolo | €55.53 | €55.53 | D | PF | Reimbursement for cash payment to Firm Salvatore Caruana for stainless steel pole for flag | 17/11/2011 | n/a | n/a | n/a | 3690 | 14931 |
| 48 | Go plc. | €104.06 | €104.06 | D | PF | Telephony service for the month of October 2011 (21416341 & 21423327) | 11/11/2011 | 26923855 | n/a | n/a | 2160 | 14945 |
| 49 | Go plc. | €204.66 | €204.66 | D | PF | Telephony service for the month of October 2011 (21417224) | 11/11/2011 | 26923879 | n/a | n/a | 2160 | 14945 |
| 50 | Go plc. | €18.27 | €18.27 | D | PF | Telephony service for the month of October 2011 (21416363) | 11/11/2011 | 26923858 | n/a | n/a | 2160 | 14945 |
| 51 | Melita plc | €29.82 | €29.82 | D | PF | Usage for the month of November 2011 | 01/11/2011 | 31216813 | n/a | n/a | 2160 | 14946 |
| 52 | Melita plc | €19.31 | €19.31 | D | PF | Television service for the months of Oct & | 01/11/2011 | 31217353 | n/a | n/a | 2165 | 14946 |
| 53 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert on Gov. Gazzette on 29/11/2011 | n/a | n/a | 3765 | 3765 | 2940 | 14971 |
| 54 | Police Naxxar (Commissioner of Police) | €319.31 | €319.31 | D | PF | booking of 3 police officers to be detailed for good order. | n/a | n/a | 3773 | 3773 | 3360 | 14973 |
| 55 | a6it Ltd. | €384.76 | €384.76 | D | PF | Domain.com/.net/.org (yearly); Hosting (monthly) | 02/08/2011 | 605 | n/a | n/a | 3110 | |
| 56 | Agricultural Co-operative Ltd. | €3,717.00 | €3,717.00 | T | PF | Garden Maintenance - October 2011 | 31/10/2011 | 14665 | n/a | n/a | 3061 | |
| 57 | Amber Bondin | €70.00 | €70.00 | D | PF | singing in the Xmas Event 2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3360 | |
| 58 | Annabelle Attard | €400.00 | €400.00 | D | PF | Zumba Fitness Class - Tuesdays starting 12/07/2011 | 17/10/2011 | 72011 | 3763 | 3763 | 3381 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 59 | Annabelle Attard | €400.00 | €400.00 | D | PF | Zumba Fitness Class - Fridays starting 15/07/2011 at 6pm | 17/10/2011 | 82011 | 3763 | 3763 | 3381 | |
| 60 | Annabelle Attard | €400.00 | €400.00 | D | PF | Zumba Fitness Class - Fridays starting 15/07/2011 at 7pm | 17/10/2011 | 92011 | 3763 | 3763 | 3381 | |
| 61 | Bidnija Horseriding | €108.00 | €108.00 | D | PF | Horse riding activity for the 10/02/2011 | 10/02/2011 | inv. Feb 2011 | n/a | n/a | 3360 | |
| 62 | Bitmac Works Ltd. | €344.09 | €344.09 | D | PF | Instant road repair. Delivery notes: 67948, | 22/11/2011 | 87843 | 3779 | 3779 | 2311 | |
| 63 | Casapinta Design Group Ltd. | €1,817.20 | €1,817.20 | D | PF | 70 Panel, Fabric Covered - D. Blue & 70 Spotlights, Clip-on (60watts) | 08/11/2011 | 12737 | 3708 | 3708 | 3360 | |
| 64 | Charlie Mifsud | €1,543.75 | €1,543.75 | T | PF | Weed cutting of Non Urban Roads - Nov11 | 01/12/2011 | 916 | n/a | n/a | 3052 | |
| 65 | Charlie Mifsud | €865.84 | €865.84 | T | PF | Extra work - Nov11 | 01/12/2011 | 917 | n/a | n/a | 3063 | |
| 66 | Charlie Mifsud | €1,691.14 | €1,691.14 | T | PF | Beach Cleaning Service - Nov11 | 01/12/2011 | 918 | n/a | n/a | 3063 | |
| 67 | Christian Galea | €5,541.66 | €5,541.66 | T | PF | Street cleaning - November 2011 | 26/11/2011 | 109 | n/a | n/a | 3051 | |
| 68 | Charles Sant | €65.00 | €65.00 | D | PF | skip delivered on the 29.09.2011 | 18/11/2011 | 4101 | 3690 | 3690 | 3046 | |
| 69 | Cimaco Group Ltd. | €58.66 | €58.66 | D | PF | Bulky Soft Bulk Pack T/Paper; Asciugamani A Rotolo. | 21/11/2011 | 6842 | 3747 | 3747 | 2220 | |
| 70 | Claudia Faniello | €100.00 | €100.00 | D | PF | singing in the Xmas Event 2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3360 | |
| 71 | Coa Ink & Toner Recharging Ltd. | €230.35 | €230.35 | D | PF | Hp 64A; Hp 1215 yellow. | 16/11/2011 | 3734 | 3745 | 3745 | 2610 | |
| 72 | Coa Ink & Toner Recharging | €44.99 | €44.99 | D | PF | HP CE285A | 29/11/2011 | 3797 | 3760 | 3760 | 2610 | |
| 73 | EcoPure Beverage Services | €425.00 | €425.00 | D | PF | water offer (pay for 100 & get 20 free) | 21/11/2011 | 46139 | n/a | n/a | 3320 | |
| 74 | Galea Curmi Engineering Ltd. | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract manager fee - November, 2011 | 30/11/2011 | 2457 | n/a | n/a | 3065 | |
| 75 | Ghaqda Dilettanti tan-Nar | €600.00 | €600.00 | D | PF | 16-il arblu tal-hadid | 14/11/2011 | n/a | 3749 | 3749 | 3360 | |
| 76 | Hightech Office Repairs | €198.00 | €198.00 | D | PF | Office photocopier repair | 23/11/2011 | 1517 | n/a | n/a | 2330 | |
| 77 | Hightech Office Repairs | €181.46 | €181.46 | D | PF | 4 Toners by 2 | 23/11/2011 | 1518 | n/a | n/a | 2330 | |
| 78 | Honey & Cream | €14.16 | €14.16 | D | PF | 60 sandwiches | 18/11/2011 | 354 | 3766 | 3766 | 3360 | |
| 79 | Impressions Ltd. | €60.90 | €60.90 | D | PF | Christmas A3 Poster, A3, 4x0, 135gsm gloss, trim to size | 30/11/2011 | 35334 | 3772 | 3772 | 2960 | |
| 80 | Joe Bonnici & Sons Ltd. | €267.86 | €267.86 | D | PF | Hire of 9 mobile toilets for Malta Motor Sports Event | 21/11/2011 | 6335 | 3731 & 3751 | 3731 & 3751 | 3360 | |
| 81 | Leo's Garage Paramount | €207.11 | €207.11 | D | PF | transport services for the elderly - October | 31/10/2011 | 24147 | 3716 | 3716 | 3380 | |
| 82 | The Lighthouse Keepers | €576.67 | €576.67 | T | PF | Job Number: 1018/ ref. no.: 5369 | 23/11/2011 | KLNX1018 | n/a | n/a | 3065 | |
| 83 | The Lighthouse Keepers | €5.92 | €5.92 | T | PF | Job Number: 1065/ ref. no.: 5725 | 21/11/2011 | KLNX1065 | n/a | n/a | 3065 | |
| 84 | Ludwig Galea | €100.00 | €100.00 | D | PF | singing in the Xmas Event 2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3360 | |
| 85 | Mailbox Services Group Ltd. | €123.90 | €123.90 | D | PF | Door-to-Door Distribution around the entire Naxxar | 21/11/2011 | doa - order id: M0848 | 3753 | 3753 | 2650 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 86 | Mica Med Ltd. | €47.20 | €47.20 | D | PF | Cliping of the service line in Triq Ignazio | 20/10/2011 | NXR LC 09-11 | 3774 | 3774 | 2370 | |
| 87 | Natal Falzon | €280.00 | €280.00 | D | PF | Abseiling Course for 7 individuals | 21/06/2011 | 261 | n/a | n/a | 3381 | |
| 88 | Northern Cleaning Group Ltd. | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | Waste collection - Sept. 2011 | 30/09/2011 | NXR 9/11 | n/a | n/a | 3041 | |
| 89 | Northern Cleaning Group Ltd. | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | Waste collection - Oct. 2011 | 31/10/2011 | NXR 10/11 | n/a | n/a | 3041 | |
| 90 | Opus 33 Ltd. | €43.15 | €43.15 | D | PF | Picture frame for Naxxar Local Council group photo | 01/11/2011 | 8131838 | 3725 | 3725 | 7210 | |
| 91 | Richard Micallef | €150.00 | €150.00 | D | PF | singing in the Xmas Event 2011 (x 2 persons) | n/a | n/a | n/a | n/a | 3360 | |
| 92 | Richie's Ironmongery | €2.98 | €2.98 | D | PF | Super Glue 10G | 04/11/2011 | 2141AA | 3770 | 3770 | 2370 | |
| 93 | Richie's Ironmongery | €23.60 | €19.00 | D | PF | LED GU10 60SMD 6400K *due to credit note 88AA* | 15/11/2011 | 2155AA | 3770 | 3770 | 2370 | |
| 94 | Richie's Ironmongery | €18.50 | €18.50 | D | PF | ALICE SPOT X1 SAT NICKEL | 15/11/2011 | 2157AA | 3770 | 3770 | 2370 | |
| 95 | Ricky Caruana | €467.00 | €467.00 | T | PF | Civic Centre Cleaning service for the month of November 2011 | 18/11/2011 | NLC11_2011 | n/a | n/a | 3055 | |
| 96 | Ricky Caruana | €850.00 | €850.00 | T | PF | Cleaning & attendant service at the public convenience for the month of November 2011 | 18/11/2011 | NLC11_2011 | n/a | n/a | 3053 | |
| 97 | Ronald Briffa | €80.00 | €80.00 | D | PF | Presenting in the Xmas Event 2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3360 | |
| 98 | Ruben Buhagiar Photography | €745.00 | €745.00 | D | PF | Service rendered: Knisja Hniena Divina; Palazzo Parisio; Villa Arrigo; Kazini tal-Banda; Il-Gimgha l-Kbira & il-Muzzan | 11/10/2011 | Inv/Naxxar/11-10-2011 | 3771 | 3771 | 2925 | |
| 99 | Veltron Trading Ltd. | €232.50 | €232.50 | D | PF | bulbs - Xamar decorations | 40858 | 3 | 3746 | 3746 | 3362 | |
| 100 | Veltron Trading Ltd. | €120.00 | €120.00 | D | PF | Large clear bulbs - box | 40871 | 6 | 3756 | 3756 | 3362 | |
| 101 | WasteServ Malta Ltd. | €6,918.25 | €4,757.34 | D | PF | Allocated MSW waste - October 2011 (293.15 tonnes) | 40862 | 14212 | n/a | n/a | 3040 | |

B

| Income list for the month of November 2011 | | 01/12/2011 |
|---|---|---|
| | | |
| **Code** | **Description** | **Amount** |
| 0000 | others | €0.00 |
| 0001 | Annual allocation from Government | €0.00 |
| 0015 | Other Government Income | €0.00 |
| 0020 | Commercial/directional signs | €0.00 |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €289.88 |
| 0023 | Cultural activities | €323.50 |
| 0024 | Football ground hire | €0.00 |
| 0025 | Skip Permit | €47.56 |
| 0026 | Crane Permit | €465.97 |
| 0027 | Kiosk Permit | €1,196.58 |
| 0028 | Outside activity permit | €62.80 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc. | €25.63 |
| 0031 | Hire of Council Hall | €0.00 |
| 0032 | Permits for placing tables and chairs | €159.28 |
| 0033 | Payment for damages to public property | €0.00 |
| 0036 | Contraventions | €0.00 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €15.62 |
| 0100 | Donations / sponsorships | €0.00 |
| 0121 | Advertising | €16.80 |
| 0125 | Trenching permits | €9.32 |
| 4006 | Contractors guarantees (refundable) | €1,270.00 |
| | **TOTAL** | **€3,882.94** |

ċ

**Purchase Order list for the month of November 2011** — **01/12/2011**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 02/11/2011 | 3722 | Hydrolectric Ltd | MCB poly box - xmas street decorations | €520.78 |
| 02/11/2011 | 3723 | Archway Ironmongery | Drill, bolts | €4.95 |
| 02/11/2011 | 3724 | J & S Store | screws, spanner | €5.58 |
| 02/11/2011 | 3725 | Opus 33 | picture frame | €43.15 |
| 02/11/2011 | 3726 | Impressions Ltd. | Printing of certificates - Exhibition | €57.60 |
| | 3727 | **Cancelled** | | |
| 07/11/2001 | 3728 | Archway Ironmongery | toilet seat, exhibition, xmas decorations | €60.87 |
| 07/11/2011 | 3729 | Green Supplier | Flowers for exhibition | €70.80 |
| 07/11/2011 | 3730 | COA Ink & Toner Ltd. | Toner for Front Office Printer | €44.99 |
| 08/11/2011 | 3731 | Joe Bonnici & Sons | 8 mobile toilets for The Malta Motorsports Event, 20.11.2011 | €216.53 |
| 08/11/2011 | 3732 | Archway Ironmongery | ramel, zrar, cement, brush, spirit, brushes, varnish, sand paper, etc | €79.02 |
| 08/11/2011 | 3733 | Archway Ironmongery | 50 nylon holders, timer, etc | €44.37 |
| 09/11/2011 | 3734 | Richie's Ironmongery | DIN RAIL 35X7.5MMX1M | €3.98 |
| 09/11/2011 | 3735 | DOI | advert for the updated list of the Naxxar Open Market Hawkers | €9.32 |
| 09/11/2011 | 3736 | Clint Muscat | Tower ladder service, 1hr with driver | €25.00 |
| 09/11/2011 | 3737 | Clint Muscat | Tower ladder service, without driver | €60.00 |
| 09/11/2011 | 3738 | Busy Bee Ltd. | order 53823 (food for Mornago Visit, Sept. 2011) | €81.49 |
| 09/11/2011 | 3739 | Wise Owl | several books for the library | €200.00 |
| 09/11/2011 | 3740 | Mayflower Mansions | several books for the library | €233.01 |
| 09/11/2011 | 3741 | Paramount Garage | transport from Naxxar to M'Scala 9/11/11 | €61.96 |
| 09/11/2011 | 3742 | Hydrolectric Ltd | contactors Xmas decorations | €114.70 |
| 09/11/2011 | 3743 | Stanley Farrugia Randon | purchase of a book: "Molluscs of the Mediterranean Sea" | €12.00 |
| 09/11/2011 | 3744 | Honey and Cream | 200 sandwiches & 1 waiter | €88.50 |
| 09/11/2011 | 3745 | COA Ink & Toner Ltd. | Toners for Printers | €230.34 |
| 11/11/2011 | 3746 | Veltron Trading | bulbs - Xamar decorations | €232.50 |
| 11/11/2011 | 3747 | Cimaco Group Ltd. | toiletries | €75.39 |
| 11/11/2011 | 3748 | Bitmac Ltd. | tarmac bags | €127.50 |
| 15/11/2011 | 3749 | Ghaqda Dilettanti tan-Nar | 16-il arblu tan-Nar | €600.00 |
| 16/11/2011 | 3750 | Hydrolectric Ltd | MCB poly box - xmas street decorations | €137.45 |
| 18/11/2011 | 3751 | Joe Bonnici & Sons | 1 mobile toilet in addition to the other 8 for Sunday's activity (20.11.2011) | €51.33 |
| 21/11/2011 | 3752 | Peace Band Club | Brass Band & for Clarinet Choir | €300.00 |
| 21/11/2011 | 3753 | Mailbox Services Group | Distribution of flyers - Naxxar Business Directory | €123.90 |
| 22/11/2011 | 3754 | J&S Store | Spray for marking tables & chairs area for xmas market 2011 & masking tape to attach no parking signs | €9.37 |
| 23/11/2011 | 3755 | Archway Ironmongery | Plywood for stall decorations (xmas market 2011) | €60.00 |
| 24/11/2011 | 3756 | Veltron Trading | Clear bulbs - xmas decorations | €120.00 |
| 25/11/2011 | 3757 | Archway Ironmongery | 30mtr plastic sheets | €25.00 |
| 25/11/2011 | 3758 | Archway Ironmongery | Paint for stall decorations (xmas market 2011) | €87.41 |
| 29/11/2011 | 3759 | Bitmac Ltd. | tarmac bags | €106.25 |
| 25/11/2011 | 3759A | Archway Ironmongery | Paint for stall decorations (xmas market 2011) | €13.55 |
| 25/11/2011 | 3760 | COA Ink & Toner Ltd. | Toner for Front Office Printer | €44.99 |
| 30/11/2011 | 3761 | Media Link Communications | Online Advert for Xmas Market 2011 | €118.00 |
| | | | **Total** | **€4,501.58** |